MINUTI
KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA
KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

LAQGĦA NUMRU SEBGĦA

3 ta' Jannar, 2011

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

SKUŻAT

Il-membru Joseph D'Amato

UFFIĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

7.1 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

7.1.1 Il-minuti tas-seduta numru 6 ġew apporvati.

*7.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson*

7.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li f'dan ix-xahar skond kif titlob il-liġi hemm il-bżonn li ssir laqgħa annwali għar-residenti ta' Bubaqra.

Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar, 2011, fis-7 ta' filgħaxija, fis-sala tal-kappella ta'

Bubaqra jekk ikun hemm il-kunsens tal-Arċipriet.

7.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, qal li l-Kumitat Amministrattiv għandu konferma mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li għall-attivita' Serata Mużiko Letterarja – Iż-Żurrieq u t-Tieni Gwerra Dinjija, il-Kumitat mhux ser jingħata assistenza finanzjarja. Kien hemm qbil li din l-attivita' ma ssirx.

Fir-rigward tal-attivita' l-oħra 'Tieġ Tradizzjonali Malti', l-kumitat ġie pproponut li ssir fid-29 ta' Mejju, 2011 u li għaliha l-Kumitat Amministrativ ser jibbenefika minn fondi u li l-preżentazzjoni tal-benefiċjarji magħżula ser issir nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar, 2011.

## *7.3 Attivita' tal-Milied*

7.3.1 Iċ-Chairperson qal li għall-attivita' tal-Milied li kienet maħsuba li ssir fl-Aida Hall, kienu 2 biss li applikaw.

Kien hemm qbil li din l-attivita' tiġi mħassra u jiġu avżati l-persuni kollha li kienu ser ikunu nvoluti.

7.3.2 Kien hemm qbil li jekk ikun hemm il-ħsieb li l-Kumitat jorganizza attivita' oħra għal żmien l-Għid il-Kbir, jibda jipprepara biex jinġabru sponsor minn qabel.

## *7.4 Ilmenti*

7.4.1 Il-membri preżenti ġibdu dawn għall-attenzjoni:

- Resident fi Triq Bubaqra qed joħroġ tapiti kbar fit-triq biex iservu għal ilqugħ għall-ilma tax-xita biex jimla' l-ġibja li għandu. Fil-Kunsill daħlu diversi lmenti fuq dan l-inkonvenjent. Kien hemm qbil li membri tal-kumitat jitkellmu mar-resident biex ineħħi dan l-inkonvenjent.

- Hemm bżonn li jsir patching fi Triq l-Iskulturi Fabri.

- Hemm bżonn li ssir bankina tajba fi Triq San Iljun fejn qabel kien hemm siġra u tneħħiet. Il-każ ser jaqrawh il-membri Caruana u D'Amato.

- Kien hemm qbil li jiġu avżati l-pulizija biex jitneħħa van kbir li jinsab bla liċenzja li ilu pparkjat żmien twil fi Triq l-Iskulturi Fabri.

- Kien hemm qbil li l-presepju f'Misraħ Santa Marija jiġi żarmat wara s-6 ta'Jannar.

- Kien hemm qbil li ssir l-ordni biex jitwaħħlu l-merja li kienu ġew ordnati – fejn iċ-ċimiterju u fi Triq Ħal Far.

- Kien hemm qbil li tintalab laqgħa mal-Onorevoli Chris Said biex jiġu diskussi xi suġġerimenti u ilmenti tal-Kumitat Amministrattiv.

- Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lit-TM fuq l-inkonvenjenza li teżisti fi Triq San Martin k/m Triq Sant Agatha minħabba ċint tas-sejjieħ perikoluż. Xi sidien ta' *blocks* ta' flats neħħew partijiet minn dan iċ-ċint u taw il-konkos, b'inkonvenjet għall-vetturi u residenti oħra.

*7.5 Appuntament għas-seduta li jmiss*

7.5.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tlieta 15 ta' Frar, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

7.5.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-7.10 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Frar, 2011.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**